Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2099

22.9.2026

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2099

## tal-21 ta' Settembru 2026

## dwar mekkaniżmu interoperabbli u transfruntier tal-identifikazzjoni u tal-awtentikazzjoni għall-persuni fiżiċi, il-professjonisti tas-saħħa u l-forniturituri tal-kura tas-saħħa għall-finijiet tal-iskambju transfruntier ta' data elettronika personali dwar is-saħħa

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2025/327 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2025 dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE u r-Regolament (UE) 2024/2847 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16, il-paragrafu (2), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2025/327 hu maħsub biex itejjeb l-iskambju transfruntier tad-data elettronika personali dwar is-saħħa ħalli tkun żgurata l-kontinwità tal-kura tas-saħħa. L-ammont ta' persuni fiżiċi li jgħixu fi Stat Membru tal-Unjoni u li jirċievu kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor qed kulma jmur jiżdied, u kulma jmur ir-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom qed jitferrxu fost is-sistemi tal-kura tas-saħħa ta' Stati Membri differenti, li jużaw identifikaturi differenti biex jidentifikaw lill-persuni fiżiċi u r-rekords tagħhom. Bl-istess mod, anki l-mezzi li jidentifikaw lill-professjonisti tas-saħħa u lill-forniturituri tal-kura tas-saħħa jvarjaw fost l-Istati Membri. Biex jiġi ffaċilitat l-iskambju tad-data elettronika personali dwar is-saħħa f'kuntest transfruntier permezz tal-pjattaforma Saħħti@UE (MyHealth@EU) imsemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2025/327, jeħtieġ jiġu identifikati l-atturi involuti fl-iskambju u jitqabblu l-identitajiet tal-persuni fiżiċi mar-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom. Għalhekk, jeħtieġ jiġu determinati r-rekwiżiti għal mekkaniżmu interoperabbli u transfruntier tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni għall-persuni fiżiċi, il-professjonisti tas-saħħa u l-forniturituri tal-kura tas-saħħa.

(2) Mod effiċjenti u mhux intrużiv kif tiġi lokalizzata d-data elettronika personali dwar is-saħħa hu billi tintuża d-data tal-identifikazzjoni assenjata lill-persuni fiżiċi fis-sistema tas-saħħa nazzjonali tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni tagħhom. Peress li d-data tad-identifikazzjoni użata fid-diversi Stati Membri tvarja, jixraq li l-Istati Membri jintalbu jiddeterminaw id-data tal-identifikazzjoni li trid tintuża biex jiġu identifikati l-persuni fiżiċi għall-finijiet tal-iskambju transfruntier tad-data elettronika personali dwar is-saħħa u jinnotifikawha lill-Kummissjoni fid-dawl tal-pubblikazzjoni tagħha. Ir-rekwiżiti għall-mekkaniżmu transfruntier tal-identifikazzjoni u tal-awtentikazzjoni jridu jkunu konformi mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 5f(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, is-sistemi pprovduti mill-korpi tas-settur pubbliku u s-servizzi online pprovduti minn partijiet dipendenti privati li jitolbu identifikazzjoni jew awtentikazzjoni elettronika biex jiġu aċċessati s-servizzi online jenħtieġ li jaċċettaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 5a tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, meta l-persuni fiżiċi jagħżlu li jużawhom. Biex jiġi ffaċilitat l-iskambju transfruntier tad-data elettronika personali dwar is-saħħa, il-persuni fiżiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu lill-Istat Membru ta' affiljazzjoni tagħhom il-ħruġ tad-data tal-identifikazzjoni tagħhom għall-kura tas-saħħa transfruntiera fil-forma ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi tal-kura tas-saħħa li jinħażnu fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tagħhom. Barra minn hekk, il-persuni fiżiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkondividu l-attributi tal-kura tas-saħħa tagħhom ma' professjonisti tas-saħħa u forniturituri tal-kura tas-saħħa stabbiliti fi Stat Membru ieħor biex il-professjonist tas-saħħa jew il-fornitur tal-kura tas-saħħa jkunu jistgħu jillokalizzaw id-data elettronika personali dwar is-saħħa mingħand is-sors tagħhom.

(3) Meta persuna fiżika, li tkun qed taġixxi bħala rappreżentant awtorizzat jew bħala rappreżentant legali, tipprova taċċessa d-data elettronika personali dwar is-saħħa ta' persuna fiżika oħra permezz tal-pjattaforma Saħħti@UE, il-professjonist tas-saħħa jew il-fornitur tal-kura tas-saħħa jenħtieġ li jivverifika l-identità ta' dik l-ewwel persuna. Għall-verifika tal-validità tal-mandat ta' dik l-ewwel persuna li tkun taġixxi f'dik il-kapaċità, il-professjonist tas-saħħa jew il-fornitur tal-kura tas-saħħa jista' jistrieħ fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru rilevanti ta' affiljazzjoni, għax hu dak l-Istat Membru li għandu s-sors tal-informazzjoni dwar il-mandati ta' rappreżentazzjoni.

([1]) ĠU L, 2025/327, 5.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/327/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

(4) Qabel ma jinbeda jew jintalab l-iskambju transfruntier ta' data elettronika personali dwar is-saħħa ta' persuna fiżika permezz tal-pjattaforma Saħħti@UE, il-professjonisti tas-saħħa u l-fornituri tal-kura tas-saħħa jenħtieġ li jiġu identifikati u awtentikati, u l-persuna fiżika kkonċernata jenħtieġ li tiġi identifikata. Dawk l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni huma meħtieġa biex ikun żgurat l-ipproċessar sigur tad-data elettronika personali dwar is-saħħa, jiġi evitat aċċess mhux awtorizzat, u tkun tista' tingħata informazzjoni dwar l-aċċessi tad-data kif jeżiġi l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2025/327. Meta, għal dawk il-finijiet, jintużaw mezzi tal-identifikazzjoni elettronika, dawk jenħtieġ li jkunu jipprovdu mqar il-livell ta' assigurazzjoni "sostanzjali" msemmi fl-Artikolu 8(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tipprovdi l-livell ta' assigurazzjoni "għoli" msemmi fl-Artikolu 8(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament. Mis-26 ta' Marzu 2030 'il quddiem, kull mezz tal-identifikazzjoni elettronika użat għall-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi li d-data elettronika personali tagħhom dwar is-saħħa tiġi skambjata permezz tal-pjattaforma Saħħti@UE jenħtieġ li jkun jipprovdi l-livell ta' assigurazzjoni "għoli". Mis-26 ta' Marzu 2032 'il quddiem, kull mezz tal-identifikazzjoni elettronika użat għall-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni tal-professjonisti tas-saħħa għall-finijiet ta' dawk l-iskambji jenħtieġ li jkun jipprovdi l-livell ta' assigurazzjoni "għoli". Dan l-approċċ gradwali jservi biex jingħata biżżejjed żmien għall-introduzzjoni sħiħa tal-mezzi tal-identifikazzjoni elettronika fl-Istati Membri.

(5) Meta l-Istati Membri jużaw mezz tal-identifikazzjoni elettronika li ma jkunx ġie notifikat lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014, il-livell ta' assigurazzjoni "għoli" ta' dak il-mezz jenħtieġ li jikkonfermah korp tal-valutazzjoni tal-konformità msemmi fl-Artikolu 2, il-punt (13), tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jew korp ekwivalenti. Dan ir-rekwiżit jenħtieġ li japplika irrispettivament minn jekk l-iskambju transfruntier jikkonċernax it-trażmissjoni ta' data lil Stat Membru ieħor jew ir-riċeviment ta' data mingħand Stat Membru ieħor.

(6) Il-punt tal-kuntatt nazzjonali għas-saħħa diġitali li jitlob l-iskambju transfruntier tad-data elettronika personali dwar is-saħħa ta' persuna fiżika jenħtieġ li jikkomunika d-data tal-identifikazzjoni tal-professjonist tas-saħħa jew tal-fornitur tal-kura tas-saħħa lill-punt tal-kuntatt nazzjonali għas-saħħa diġitali tal-Istat Membru li lilu tkun intbagħtet it-talba.

(7) Kull ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament hu soġġett għar-Regolamenti (UE) 2016/679 ([4]) u (UE) 2018/1725 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif applikabbli. Il-ħruġ ta' attributi tal-kura tas-saħħa hu kompitu fl-interess pubbliku assenjat lill-awtoritajiet kompetenti li jridu jinħatru mill-Istati Membri.

(8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta opinjoni fil-5 ta' Mejju 2026.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 98(1) tar-Regolament (UE) 2025/327,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-mekkaniżmu interoperabbli u transfruntier tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni għall-persuni fiżiċi, il-professjonisti tas-saħħa u l-fornituri tal-kura tas-saħħa għall-finijiet tal-iskambju transfruntier ta' data elettronika dwar is-saħħa

([3]) Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u t-tħassib tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/765/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "attribut tal-kura tas-saħħa" tfisser attribut li jintuża għall-identifikazzjoni ta' persuna fiżika għall-finijiet tal-iskambju transfruntier ta' data elettronika dwar is-saħħa;

(2) id-definizzjoni ta' "attribut" stabbilita fl-Artikolu 3, il-punt (43), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

(3) id-definizzjoni ta' "attestazzjoni elettronika tal-attributi" stabbilita fl-Artikolu 3, il-punt (44), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

(4) id-definizzjoni ta' "Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali" stabbilita fl-Artikolu 3, il-punt (42), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014;

(5) id-definizzjoni ta' "awtentikazzjoni" stabbilita fl-Artikolu 3, il-punt (5), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

*Artikolu 3*

**Settijiet nazzjonali ta' attributi tal-kura tas-saħħa tal-persuni fiżiċi**

1. Kull Stat Membru għandu jiddetermina sett ta' attributi tal-kura tas-saħħa li jridu jintużaw biex tiġi verifikata l-identità tal-persuni fiżiċi b'rabta mar-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom għall-finijiet tal-iskambju transfruntier tad-data elettronika personali tagħhom dwar is-saħħa.

2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika s-sett tiegħu ta' attributi tal-kura tas-saħħa lill-Kummissjoni sas-26 ta' Marzu 2028. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kull aġġornament sussegwenti tas-settijiet ta' attributi tal-kura tas-saħħa lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun. Il-Kummissjoni għandha tippubblika s-settijiet ta' attributi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri.

3. Meta tintalab minn persuna fiżika, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni ta' dik il-persuna għandha toħroġ l-attributi tal-kura tas-saħħa ta' dik il-persuna fiżika fil-forma ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi f'konformità mas-sett ta' attributi tal-kura tas-saħħa definit skont il-paragrafu 1 lill-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ta' dik il-persuna.

*Artikolu 4*

**Identifikazzjoni u awtentikazzjoni tal-persuni fiżiċi għall-iskambju transfruntier tad-data elettronika personali dwar is-saħħa**

1. Qabel ma jitolbu l-iskambju ta' data elettronika personali dwar is-saħħa ta' persuna fiżika permezz tal-pjattaforma Saħħti@UE, il-professjonisti tas-saħħa jew il-fornituri tal-kura tas-saħħa għandhom jidentifikaw lil dik il-persuna fiżika. Għal dak l-għan, il-professjonisti tas-saħħa jew il-fornituri tal-kura tas-saħħa jistgħu jiġbru l-attributi tal-kura tas-saħħa tal-persuna fiżika.

2. Meta professjonist tas-saħħa jew fornitur tal-kura tas-saħħa jitolbu l-iskambju ta' data elettronika personali dwar is-saħħa ta' persuna fiżika permezz tal-pjattaforma Saħħti@UE, wara talba ta' persuna fiżika sottomessa online, dak il-professjonist tas-saħħa jew il-fornitur tal-kura tas-saħħa għandhom jidentifikaw u jawtentikaw lil dik il-persuna fiżika b'mezzi tal-identifikazzjoni elettronika maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Il-mezzi tal-identifikazzjoni elettronika għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u jipprovdu livell ta' assigurazzjoni li jkun imqar "sostanzjali" kif imsemmi fl-Artikolu 8(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Mis-26 ta' Marzu 2030 'il quddiem, il-mezzi tal-identifikazzjoni elettronika għandhom jipprovdu l-livell ta' assigurazzjoni "għoli" imsemmi fl-Artikolu 8(2), il-punt (c), tal-istess Regolament. Il-mezz tal-identifikazzjoni elettronika għandu jiġi notifikat lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 bil-livell ta' assigurazzjoni meħtieġ, jew inkella l-livell ta' assigurazzjoni tiegħu għandu jikkonfermah korp tal-valutazzjoni tal-konformità msemmi fl-Artikolu 2, il-punt (13), tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew korp ekwivalenti.

3. Meta persuna fiżika tkun ġiet awtorizzata minn persuna fiżika oħra biex taċċessa d-data elettronika personali tagħha dwar is-saħħa, jew parti minnha, f'isimha jew billi taġixxi bħala r-rappreżentant legali ta' persuna fiżika oħra f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2025/327, il-professjonist tas-saħħa jew il-fornitur tal-kura tas-saħħa għandu jidentifika lil dik il-persuna fiżika u jivverifika li l-persuna fiżika awtorizzata jew ir-rappreżentant legali tagħha jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa biex jaġixxu f'dik il-kapaċità.

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti għall-iskambju transfruntier tal-attributi tal-kura tas-saħħa ta' persuni fiżiċi**

1. Meta punt tal-kuntatt nazzjonali għas-saħħa online jitlob l-iskambju ta' data elettronika personali dwar is-saħħa ta' persuna fiżika minn jew lejn punt tal-kuntatt nazzjonali ieħor għas-saħħa online, l-ewwel punt tal-kuntatt nazzjonali għandu jissottometti l-attributi tal-kura tas-saħħa tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni tal-persuna fiżika lit-tieni punt tal-kuntatt nazzjonali.

2. Il-professjonist tas-saħħa jew il-fornitur tal-kura tas-saħħa li jitlob l-iskambju tad-data elettronika personali dwar is-saħħa skont l-Artikolu 4(1), irrispettivament minn jekk it-talba tal-persuna fiżika tkunx saret personalment jew online, għandu jaċċetta l-attributi tal-kura tas-saħħa pprovduti fil-forma ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi permezz ta' Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

3. Meta l-mezzi tal-identifikazzjoni użati ma jipprovdux l-attributi tal-kura tas-saħħa b'mod sħiħ, il-professjonist tas-saħħa jew il-fornitur tal-kura tas-saħħa li jitlob l-iskambju tad-data elettronika personali dwar is-saħħa għandu jitlob informazzjoni addizzjonali mingħand il-persuna fiżika biex ikollu sett komplut ta' attributi tal-kura tas-saħħa tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni tal-persuna fiżika.

*Artikolu 6*

**Identifikazzjoni, awtentikazzjoni u awtorizzazzjoni tal-persuni fiżiċi u l-forniturі tal-kura tas-saħħa għall-iskambju transfruntier tad-data elettronika personali dwar is-saħħa**

1. Kull Stat Membru għandu jelenka l-entità jew l-entitajiet responsabbli biex jidentifikaw, jawtentikaw u jawtorizzaw lill-professjonisti tas-saħħa jew lill-forniturі tal-kura tas-saħħa li jitolbu l-iskambju transfruntier tad-data elettronika personali dwar is-saħħa.

2. Qabel ma jitolbu l-iskambju transfruntier tad-data elettronika personali dwar is-saħħa permezz tal-pjattaforma Saħħti@UE, l-entità jew l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jidentifikaw, jawtentikaw u jawtorizzaw lill-professjonist tas-saħħa jew lill-fornitur tal-kura tas-saħħa li jitolbu dak l-iskambju.

3. L-entità jew l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jidentifikaw u jawtentikaw lill-professjonist tas-saħħa b'mezzi tal-awtentikazzjoni elettronika li jipprovdu mqar il-livell ta' assigurazzjoni "sostanzjali" msemmi fl-Artikolu 8(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Mis-26 ta' Marzu 2032 'il quddiem, il-mezzi tal-identifikazzjoni elettronika tal-professjonisti tas-saħħa għandhom jipprovdu l-livell ta' assigurazzjoni "għoli" imsemmi fl-Artikolu 8(2), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament. Il-mezz tal-identifikazzjoni elettronika għandu jiġi notifikat lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 bil-livell ta' assigurazzjoni meħtieġ, jew inkella l-livell ta' assigurazzjoni tiegħu għandu jikkonfermah korp tal-valutazzjoni tal-konformità msemmi fl-Artikolu 2, il-punt (13), tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew korp ekwivalenti.

*Artikolu 7*

**Rekwiżiti għall-iskambju tad-data tal-identifikazzjoni ta' professjonist tas-saħħa u ta' fornitur tal-kura tas-saħħa**

Meta l-professjonist tas-saħħa jew il-fornitur tal-kura tas-saħħa jitlob l-iskambju transfruntier ta' data elettronika personali dwar is-saħħa permezz tal-pjattaforma Saħħti@UE, il-punt tal-kuntatt nazzjonali għas-saħħa diġitali kompetenti għal dak il-professjonist tas-saħħa jew għal dak il-fornitur tal-kura tas-saħħa għandu jibgħat lill-punt tal-kuntatt nazzjonali għas-saħħa diġitali li jirċievi t-talba d-data tal-identifikazzjoni tal-professjonist tas-saħħa jew tal-fornitur tal-kura tas-saħħa. Id-data tal-identifikazzjoni għandha tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 8*

**Mekkaniżmu għall-iskambju tad-data tal-identifikazzjoni permezz tal-pjattaforma Saħħti@UE**

Il-mekkaniżmu għall-iskambju tad-data tal-identifikazzjoni permezz tal-pjattaforma Saħħti@UE għandu jappoġġa:

(a) in-notifika u l-pubblikazzjoni tas-settijiet ta' attributi tal-kura tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament;

(b) l-iskambju tal-attributi tal-kura tas-saħħa bejn il-punti tal-kuntatt nazzjonali għas-saħħa diġitali deskritti fl-Artikolu 5(1);

(c) l-iskambju tad-data tal-identifikazzjoni tal-professjonisti tas-saħħa u l-forniturі tal-kura tas-saħħa bejn il-punti tal-kuntatt nazzjonali għas-saħħa diġitali deskritti fl-Artikolu 7.

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-26 ta' Marzu 2027.

Madankollu, l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 5(2) għandhom japplikaw mis-26 ta' Marzu 2029.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Settembru 2026.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**Speċifikazzjonijiet tekniċi għad-data tal-identifikazzjoni tal-professjonisti tas-saħħa u tal-forniturituri tal-kura tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 7**

*Tabella 1*

**Data obbligatorja għall-professjonist tas-saħħa**

| Identifikatur tad-data | Definizzjoni |
|---|---|
| family_name | Il-kunjom(ijiet) tal-professjonist tas-saħħa. |
| given_name | L-isem/ismijiet, inkluż l-isem/ismijiet tan-nofs meta applikabbli, tal-professjonist tas-saħħa. |
| country_code | Il-kodiċi tal-pajjiż alfa-2 kif speċifikat fl-ISO 3166-1, li jirrappreżenta lill-Istat Membru li ħareġ id-data tal-identifikazzjoni tal-professjonist tas-saħħa. |
| hp_identifier | Identifikatur tal-professjonist tas-saħħa assenjat lill-professjonist tas-saħħa u li jkun uniku fost l-identifikaturi kollha tal-professjonisti tas-saħħa maħruġa fl-Istat Membru fejn il-professjonist tas-saħħa jkun irreġistrat. |
| issuing_authority_name | L-isem tal-aġenzija responsabbli għall-ħruġ tal-identifikatur tal-professjonist tas-saħħa. |
| hp_professional_role | Ir-rwol professjonali tal-professjonist tas-saħħa. |
| healthcare_provider_identifier | Identifikatur tal-organizzazzjoni tal-forniturituri tal-kura tas-saħħa jew tal-faċilità tal-kura tas-saħħa fejn il-professjonist tas-saħħa jkun qed jipprovdi t-trattament. Dan l-identifikatur ikun uniku fl-Istat Membru li joħorġu. |
| | |

*Tabella 2*

**Data obbligatorja għall-fornitur tal-kura tas-saħħa**

| Identifikatur tad-data | Definizzjoni |
|---|---|
| healthcare_provider_identifier | Identifikatur tal-organizzazzjoni tal-forniturituri tal-kura tas-saħħa jew tal-faċilità tal-kura tas-saħħa fejn il-professjonist tas-saħħa jkun qed jipprovdi t-trattament. Dan l-identifikatur ikun uniku fl-Istat Membru li joħorġu. |
| issuing_authority_name | L-isem tal-aġenzija responsabbli għall-ħruġ tal-identifikatur tal-professjonist tas-saħħa. |
| healthcare_provider_name | Isem il-fornitur tal-kura tas-saħħa. |
| healthcare_provider_address | L-indirizz sħiħ irreġistrat uffiċjalment tal-fornitur tal-kura tas-saħħa. |